**Nru. 1312**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Referenza: | PA05833/09 |
| Post: | Mellieħa Holiday Centre,<br>Il-Bajja tal-Għadira<br>Mellieħa |
| Proposta: | Estensjoni proposta għal<br>Mellieħa Holiday Centre<br>(30 appartament) |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fid-9 ta' Awwissu, 2013, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ntbagħtet fid-19 ta' Novembru, 2014.

**No. 1312**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA05833/09 |
| Location: | Mellieħa Holiday Centre,<br>Il-Bajja tal-Għadira<br>Mellieħa |
| Proposal: | Proposed extension to<br>Mellieħa Holiday Centre<br>(30 units) |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 9th August, 2013, and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 19th November, 2014.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ekoloġija | Il-Mellieħa Holiday Centre eżistenti u l-estensjoni proposta fi ħdan il-kumpless jinstabu fil-limiti ta' sit NATURA 2000, u *Special Protection Area* (SPA). L-implikazzjonijiet ekoloġiċi tal-proġett propost qed jiġu studjati permezz ta' *Appropriate Assessment* konformi ma' regolament 19 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, 2006 (Avviż Legali 311 tal-2006) kif emendata. |
| *Ecology* | *The existing Mellieħa Holiday Centre, and the proposed extension within its grounds are located within the limits of a NATURA 2000 site, and a Special Protection Area (SPA). The ecological implications of the proposed project are studied further in line with Appropriate Assessment requirements as per Regulation 19 of Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (Legal Notice 311 of 2006), as amended.* |

| | |
|---|---|
| Impatt viżiv | Il-kumpless eżistenti għandu profil baxx, u l-estensjoni proposta tfittex li tirrispetta l-kuntest viżwali tas-sit. Is-sit huwa wkoll parzjalment magħluq fil-kumpless eżistenti, b'tali mod li l-impatti fuq il-pajsaġġ rurali mhux mistenni li jkunu sinifikanti. |
| *Visual Amenity* | *The existing complex has a low profile and the proposed extension seeks to respect the site's visual setting. The site is also partly enclosed within the existing complex, such that intrusion into the open rural landscape is not expected to be significant.* |
| Impatt fuq l-użu tal-art u tal-kosta | Il-proġett huwa mistenni li jirriżulta f'żieda ta' bejn 60 u 90 resident. Din iż-żieda mhux probabbli li jkollha impatt sinifikanti fuq l-integrità tal-lokalità tal-madwar, meta tiġi kkunsidrata l-użu tal-art tal-madwar, inklużi t-triq biswit il-kumpless, il-bajja użata matul ix-xhur tas-sajf b'densità għolja ta' nies, u l-istess kumpless. |
| *Land use and coastal impact* | *The project will likely result in the approximate increase of 60-90 residents in the area. This increase in the number of residents is not likely to have significant impacts on the integrity of the surrounding locality, noting the nature of other surrounding land uses, including the adjacent road, the high density beach frequented during the summer months, and the existing holiday complex.* |
| Wirt kulturali | Fdalijiet ta' partimonju kulturali - Raddiet tar-roti skedati Klassi B (Notifikazzjoni tal-Gvern 1260 tal-2010) jinsabu fi 230 metru mill-konfini tas-sit. Raddiet tar-roti u proprjetà skedata oħra jdawru s-sit b'distanzi differenti. Minkejja dan, huwa propost li x-xogħlijiet waqt il-kostruzzjoni jkunu mgħassa minn arkeologu kkwalifikat, u bil-kollegament mas-Sovrindenza tal-Patrimonju Kulturali. |
| *Cultural Heritage* | *Cultural heritage features - Class B scheduled cart ruts (Government Notice 1260 of 2010) lie within 230 metres of the site. Other cart ruts and scheduled property surround the site within various distances. Monitoring by a qualified archaeologist is recommended to be carried out during the construction phase, and in liaison with the Superintendence of Cultural Heritage.* |
| Ħsejjes u trabijiet waqt il-fażi ta' kostruzzjoni | Ħsejjes u trabijiet waqt it-tindif u t-tħaffir tas-sit u l-bini tal-estensjoni kapaċi jaffettwaw lir-residenzi tal-madwar u nies oħra li jiffrekwentaw is-sit. Madanakollu, se jkun hemm miżuri biex jittaffew it-trabijiet u l-ħsejjes skont kif imsemmi fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 of 2007), u għalhekk l-impatt mhux meqjus bħala sinifikanti. |
| *Construction Phase Noise and Dust Emissions* | *Dust and noise emissions during site clearance, excavation and construction may affect other residents of the holiday complex and people frequenting the surroundings. Dust and noise abatement measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Management Regulations, 2007 (Legal Notice 295 of 2007), should further minimise impact and therefore impact is not significant.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-26 ta' Diċembru, 2014

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

26th December, 2014